MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2004

Ċitazzjoni Numru. 1324/2003

**AIR MALTA plc (C.2685)**

vs

**PONY EXPRESS (MALTA) Limited**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fl-10 ta' Diċembru, 2003, li bih is-soċjeta' attriċi ppremettiet:

Illi l-kumpannija attriċi hija kreditriċi tal-kumpannija konvenuta għas-somma ta' ħamest elef disa' mija u erbgħa u għoxrin lira maltija u tlieta u ħamsin ċenteżmu (Lm5,924.53), bilanċ minn somma akbar, prezz ta' noll ("cargo freight") fuq servizz ta' merkanzija prestat bejn April u Ottubru 2003, hekk kif jidher minn statement anness bħala Dok. "A" u minn fatturi hawn annessi bħala Dok. "B1 sa 25";

Illi l-konvenuta, għalkemm interpelata biex tħallas, inkluz b'ittra uffiċjali datata 20 t'Ottubru, 2003, baqgħet inadempjenti (Dok. "C");

Illi jeżistu l-elementi kollha rikjesti mil-liġi ai termini ta' l-artikli 167 sa 170 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, stante li dan il-kreditu huwa ċert, likwidu u dovut u li fil-fehma tal-kumpannija attriċi, il-kumpannija konvenuta m'għandhiex eċċezzjonijiet xi tressaq kontra l-ħlas ta' l-imsemmi ammont;

Għalhekk is-soċjeta' attriċi talbet lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex għar-ragunijiet premessi:

1. Tiddeċiedi t-talba bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża a tenur ta' l-artikli 167 u 170 tal-Kodiċi ta' Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili;

2. Tiddikjara li l-kumpannija attriċi hija kreditriċi tal-kumpannija konvenuta għas-somma ta' ħamest elef disa' mija u erbgħa u għoxrin lira maltija u tlieta u ħamsin ċenteżmu (Lm5,924.53), bilanċ minn somma akbar, prezz ta' noll ("cargo freight") prestat bejn April u Ottubru 2003, skond statement u fatturi hawn annessi bħala Dok. "A" u Dok. "B1 sa 25" rispettivament; konsegwentement

3. Tikkundanna lill-kumpannija konvenuta tħallas l-imsemmija somma ta' ħamest elef disa' mija u erbgħa u għoxrin lira maltija u tlieta u ħamsin ċenteżmu (Lm5,924.53);

Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali datata 20 t'Ottubru 2003 u tal-mandat ta' sekwestru ppreżentat kontestwalment ma' din iċ-ċitazzjoni u bl-imgħax legali mid-data ta' kull fattura sal-pagament effettiv;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-soċjeta' attriċi;

Rat in-nota mressqa fit-2 ta' Frar, 2004, mis-soċjeta' attriċi li biha rriduċiet it-talba b'elf lira maltin (Lm1000) stante pagament akkont fil-mori tal-kawża;

Rat in-nota mressqa mis-soċjeta' konvenuta fit-2 ta' Frar, 2004 li biha ammettiet it-talba attriċi kif ridotta;

Eżaminat l-atti tal-kawża;

Billi mill-ammissjoni tas-soċjeta' konvenuta, t-talba ridotta tirriżulta pruvata;

Fuq ammissjoni tas-soċjeta' konvenuta, tiddeċiedi billi tilqa' t-talba tas-soċjeta' attriċi limitatament għas-somma ta' erbat elef, disa' mija u erbgħa u għoxrin lira maltija u tlieta u ħamsin ċenteżmu (Lm4,924.53) u bl-imgħaxijiet kif mitluba u bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' konvenuta.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------